MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 37/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Polidano**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Polidano u persuna ohra talli:

(1) fil-15 ta' Frar 2004 u fi zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(2) fit-28 ta' Ottubru 2003 ghal habta tas-2.00 p.m. fil-Qawra ikkommettew serq ta' kartiera, karta ta' l-identita`

numru 99381(M), licenza tas-sewqan, VISA Card, HSBC Quickcash card, u telephone cellulari ta’ l-ghamla NOKIA 3310 ghad-detriment ta’ Ismael Vella, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

(3) fit-28 ta’ Ottubru 2003 ghal habta tas-2.30 p.m., fil-Qawra, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta’ ntraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ Lm600 bi hsara ta’ Ismael Vella, HSBC Bank u ohrajn;

(4) fit-28 ta’ Ottubru 2003 ghal habta tas-2.30 p.m., fil-Qawra, bi hsara ta’ Ismael Vella, HSBC Bank u ohrajn, ghamlu qliegh b’qerq ta’ Lm600;

(5) fit-28 ta’ Ottubru 2003 ghal habta tas-2.30 p.m., fil-Qawra, ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(6) fit-28 ta’ Ottubru 2003 ghal habta tas-2.30 p.m., fil-Qawra, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija qabel dan;

(7) ghal habta ta’ nofs Novembru 2003, f’San Giljan, ikkommettew serq ta’ kartiera, Lm250, karta ta’ l-identita`, licenza tas-sewqan, u telephone cellulari tal-marka Motorola li jiswa madwar Lm150, ghad-detriment ta’ Noel Cefai, liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa ;

(8) fid-29 ta’ Jannar 2004, ghal habta ta’ 12.44 p.m., fil-Belt Valletta, bi hsara tas-socjeta’ HSBC, ghamlu qliegh b’qerq ta’ Lm235;

(9) fid-29 ta’ Jannar 2004, ghal habta ta’ 12.44 p.m., fil-Belt Valletta, ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, u cioe cekk HSBC 2495 ghal valur ta’ Lm235 data 29/01/2004, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(10) fid-29 ta’ Jannar 2004, ghal habta ta’ 12.44 p.m., fil-Belt Valletta, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe` HSBC 2495 ghal valur ta’ Lm155 datat 28/01/2004;

(11) fid-29 ta’ Jannar 2004 f’Santa Venera, bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ ntraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, attentaw jaghmlu qliegh ta’ Lm235 bi hsara tas-socjeta` HSBC liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom;

(12) fit-30 ta’ Jannar 2004 ghal habta ta’ 12.44 p.m., fil-Belt Valletta, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew

sabiex titqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm235 bi hsara tas-socjeta` HSBC;

(13) fil-5 ta' Frar 2004 u fil-granet ta' qabel, f'Tas-Sliema, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ngann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha, fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm240 bi hsara ta' Mario Borg;

(14) fil-5 ta' Frar 2004 u fil-granet ta' qabel, f'Tas-Sliema, bi hsara ta' Mario Borg, ghamlu qliegh b'qerq ta' Lm240;

(15) fil-5 ta' Frar 2004 u fil-granet ta' qabel, f'Tas-Sliema, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, u cioe` cekk HSBC 2488 ghal valur ta' Lm155 datat 28/01/2004 u cekk HSBC 2493 ghal valur ta' Lm185 datat 28/01/2004, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(16) fil-5 ta' Frar 2004 u fil-granet ta' qabel, f'Tas-Sliema, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe` HSBC 2488 ghal valur ta' Lm155 datat 28/01/2004 u cekk HSBC 2493 ghal valur ta' Lm155 datat 28/01/2004 u cekk HSBC 2493 ghal valur ta' Lm185 datat 28/01/2004;

(17) fis-7 ta' Frar 2004, fil-Belt Valletta, ikkommettew serq ta' kartiera, Lm90 fi flus kontanti, karta ta' l-identita' numru 27954(M), licenza tas-sewqan, Credit Cards, stereo ta' valur ta' anqas minn Lm100 u tliet cekkijiet vojta ghad- detriment ta' Joseph Magro, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

(18) fid-9 ta’ Frar 2004, f’San Giljan, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ ntraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ Lm225 bi hsara tas-socjeta` Bonello Petrol Station Ltd.;

(19) fid-9 ta’ Frar 2004, f’San Giljan ghal habta tas-2.30 p.m., fil-Qawra, bi hsara tas-socjeta` Bonello Petrol Station Ltd., ghamlu qliegh b’qerq ta’ Lm225;

(20) fid-9 ta’ Frar 2004, f’San Giljan, ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, u cioe` cekk BOV 659 ghal valur ta’ Lm225 datat 29/02/2004, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(21) fid-9 ta’ Frar 2004 f’San Giljan, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe` BOV 659 ghal valur ta’ Lm225 datat 9/02/2004;

(22) fil-15 ta’ Frar 2004, u fil-gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

<u>Lil John Polidano wahdu talli</u>:

(23) b’hekk kiser il-provvedimenti dwar sentenzi sospizi, Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq sentenza mill-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta’ Jannar 2004;

(24) kif ukoll sar recidiv ghat-termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Frar, 2010, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi John Polidano hati ta' l-imputazzjonijiet 1, 3, 7, 13, 18, 22 u 23 u lliberatu minnhom, izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijet 2, 4, 5, 6, 8, 9, 10, 11, 12, 14, 15, 16, 17, 19, 20, u 21 u, wara li rat l-artikoli 17, 18, 41, 183, 184, 261, 263, 267, 271 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta, ikkundannatu tliet (3) snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' John Polidano minnu pprezentat fil-5 ta' Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma d-dikjarazzjoni li mhux hati fl-imputazzjonijiet numri 1, 3, 7, 13, 18, 22, 23 filwaqt li tilliberah mill-imputazzjonijiet l-ohra u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi; (2) li, minghajr pregudizzju, il-piena mposta mhix ekwa u gusta.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ttrattat iz-zewg ko-imputati b'mod differenti billi, filwaqt illi bbazat il-htija ta' l-appellant fuq ix-xiehda ta' Antoine Debattista, fost ohrajn, ghar-rigward il-ko-imputata qalet li dik ix-xiehda mhix kredibbli. L-appellant ghalhekk isaqsi kif setghet tkun kredibbli ghal wiehed u mhux ghall-ohra. L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti applikat it-*theory of recent possession* ghalih biss u mhux ghall-ko-imputata. Jghid li x-xhud Waering qalet li l-ko-imputata sarrfet ic-cekk misruq u b'hekk kellha *recent possession*,

izda ma nstabitx hatja ta’ serq. L-appellant kellu jibbenefika mill-istess trattament.

L-appellant mela jilmenta li ma giex trattat l-istess bhalma giet trattata l-ko-imputata in kwantu l-apprezzament ta’ provi li ghamlet l-ewwel Qorti. L-ewwel ma jirreferi ghax-xiehda ta’ Antoine Debattista. Naturalment din il-Qorti mhix imsejha biex tikkunsidra jekk il-ko-imputata nstabitx hatja sew jew le, ghax dan huwa appell ta’ John Polidano u ghalhekk dak li trid tikkunsidra din il-Qorti huwa jekk l-appellant Polidano biss, fid-dawl ta’ l-ilmenti tieghu fir-rikors ta’ appell, instabx hati tajjeb jew le. Issa, fis-sentenza appellata jidher li hemm kontradizzjoni bejn meta l-ewwel Qorti kienet qed tikkunsidra l-htija o meno ta’ l-appellant u meta giet biex tikkunsidra l-htija o meno tal-ko-imputata. Il-brani relattivi huma s-segwenti:

“Bl-istess mod, ix-xiehda ta’ Antoine Debattista u ta’ Mario Borg, flimkien ma’ dik ta’ Waering, ma halla ebda dubbju dettat mir-raguni illi kien l-imputat li ffalsifika l-kitba u l-firma firmatarju fuq ic-*cheques* meritu ta’ l-akkuza kif ukoll li ghamel uzu ta’ l-istess *cheques* foloz, a detriment ta’ terzi.”

“Il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni permezz ta’ xiehda ta’ Debattista, mhijiex affidabbli, stante illi dan ix-xhud ma nstabx li kien kredibbli minhabba inkonsistenzi gravi fit-testimonjanzi tieghu: dana l-ghaliex l-ewwel jghid li c-*cheque* gie moghti minn Polidano; imbaghad jghid li l-imputata kienet mieghu; u sussegwentement jerga’ jghid li kien Polidano li talbu jsarraflu c-*cheque*; imbaghad jaghzel li ma jixhidx aktar sabiex ma jinkriminax ruhu.”

Nonostante cio`, il-kummenti ta’ l-ewwel Qorti fit-tieni bran kienu ntizi bhala r-ragunijiet li wassluha biex ma ssibx htija fil-ko-imputata ghar-reati li kienu jikkoncernaw ic-cekkijiet tas-socjeta` EDI Systems Ltd. Il-kontradizzjoni pero` hija biss apparenti peress illi fix-xiehda tieghu Antoine Debattista mplika lill-appellant mill-ewwel u f’ebda hin ma qal li l-appellant ma kienx involut. Debattista jghid illi meta gie kkonsenjat dawn ic-cekkijiet, huwa ghaddihom lil certu Mario Borg li ghandu hanut tax-xorb fix-Xatt tas-Sliema, u

dan sarrafhomlu. Ic-cekkijiet inghatawlu f'zewg okkazjonijiet, xi gimgha bejn l-ewwel wiehed u t-tieni wiehed. Mario Borg ikkonferma li Antoine Debattista kien talbu darbtejn biex isarraflu cekkijiet, u f'distanza ta' xi gimgha bejn l-ewwel u t-tieni wiehed. Qal li dawn kienu fl-ammonti ta' Lm185 u Lm165 [*recte:* Lm155] li ddepozita l-bank izda bbawnsjaw. Kopji ta' dawn ic-cekkijiet jidhru a fol. 86 u 87 tal-process. Jidher li dawn iz-zewg cekkijiet huma rezi pagabbli lill-firmatarju (*"Pay Cash"*) "A. Sammut". Isem l-appellant zgur mhuwiex "A. Sammut"! Fil-fatt l-Ispettur J. Cordina spjega kif dawn ic-cekkijiet, flimkien ma' dak li kopja tieghu tidher a fol. 85, instabu neqsin mis-socjeta` msemmija u Albert Sammut ikkonfermalu li l-firma fuqhom ma kinitx tieghu. F'dan l-istadju jrid jigi notat li fuq in-naha ta' wara tac-cekk a fol. 85 hemm ukoll il-firma "A. Sammut" u taht dik il-firma hemm il-firma "Ismael Vella" u l-karta ta' l-identita` numru 99381(M). Dwar ic-cekk a fol. 86 (wiehed minn dawk li ddepozita l-bank Mario Borg) hemm il-firma "A. Sammut" u taht dik il-firma hemm in-numru ta' karta ta' identita` numru 99381(M). Kif se naraw, din il-karta ta' l-identita` numru 99381(M) tappartjeni lil certu Ismael Vella li gie derubat.

L-ilment l-iehor jirrigwarda s-sejbien ta' htija tar-reat ta' serq in konnessjoni mac-cekk li ssarraf fil-Bonello Petrol Station, St. Andrew's, u l-applikazzjoni tat-*theory of recent possession* fil-konfront ta' l-appellant biss. Dan ic-cekk kien wiehed mic-cekkijiet li nsterqu lil certu Joseph Magro (ara s-sbatax-il imputazzjoni) minn gol-karozza tieghu fis-7 ta' Frar 2004. Joseph Magro xehed illi nsterqulu CD player, kartiera b'xi flus u erba' cekkijiet minn go *cheque-book*. Ic-cekk in kwistjoni gie rez pagabbli lil "Ismael Vella" ghas-somma ta' Lm225 u ssarraf ghand il-Bonello Petrol Station fid-9 ta' Frar 2004. Ismael Vella kien wiehed mid-derubati (ara t-tieni imputazzjoni) li, fost affarijiet ohra, insterqitlu minn gol-karozza l-karta ta' l-identita` numru 99381M. Difatti fuq ic-cekk imsemmi hemm il-firma "Ismael Vella" u l-imsemmi numru tal-karta ta' identita`. Rita Waering, li l-familja taghha tmexxi l-petrol station imsemmi, ghalkemm ma gharfitx lill-appellant, pero` qalet li talbet lir-ragel li kien hemm mal-ko-imputata (li kienet

taf) ghall-karta ta' l-identita`, u dan qallha li kien insiha warajh izda kien jaf in-numru. U hu stess nizzel in-numru 99381M. Dak li jorbot lill-appellant ma' dan il-kaz (u jsahhah il-provi kontra tieghu anke fir-rigward tal-kazijiet l-ohra addebitati lilu u li taghhom instab hati mill-ewwel Qorti) hu l-fatt li fid-29 ta' Jannar 2004 irnexxielu jsarraf wiehed mic-cekkijiet (dak a fol. 85) li kienu nsterqu lis-socjeta` EDI Systems Ltd. fl-HSBC ta' Triq il-Merkanti l-Belt fejn ukoll iffirma "Ismael Vella" bil-karta ta' l-identita` 99381M. U hemm ritratti tieghu fil-fergha msemmija a fol. 82 sa 84 meta mar isarraf dak ic-cekk.

Meta mbaghad wiehed iqis li bejn is-serq tac-cekkijiet u l-karta ta' l-identita` ta' Ismael Vella u l-uzu taghhom m'ghaddewx aktar minn ftit jiem – u fil-kaz ta' cekk ta' Joseph Magro jumejn biss wara, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, m'ghandha l-ebda dubju dwar l-applikabilita` tat-*theory of recent possession* fil-konfront ta' l-appellant u ghalhekk dwar il-htija tieghu ghat-tieni imputazzjoni (serq ghad-dannu ta' Ismael Vella) u s-sbatax-il imputazzjoni (serq ghad-dannu ta' Joseph Magro). Dwar l-imputazzjonijiet l-ohra, apparti dak li ntqal dwar Antoine Debattista, m'hemmx aggravji ohrajn u, fi kwalunkwe kaz, wara li din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi kollha mressqa, ma ssibx raguni biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti ta' dawk il-provi.

Kwantu ghall-piena, m'hemm l-ebda dubju li din hi fil-parametri tal-ligi. Bizzejjed jinghad li l-piena ghas-sbatax-il imputazzjoni hi dik ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin li tizdied bi grad ghal dik ta' prigunerija minn seba' xhur sa erba' snin u ma tinghatax fil-*minimum*. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9[1] imbaghad il-piena tista' tizdied sa zewg gradi, li jfisser li din titla' ghal prigunerija minn tlettax-il xahar sa sitt snin bil-*minimum* f'dan il-kaz ikun ta' sena seba' xhur u ghoxrin gurnata. Mill-fedina penali aggornata esebita jidher li l-appellant

[1] Ghalkemm l-ewwel Qorti tidher li qalet li ma sabitx htija fl-ewwel imputazzjoni, dak li gie ndikat bin-numru wiehed effettivament mhijiex imputazzjoni izda talba ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta <u>a beneficcju ta' l-appellant stess</u>. Difatti anke l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju a gudizzju (a fol. 174) jindika li ghandu jigi applikat dan l-artikolu. U l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ndikat ukoll dan l-artikolu bhala wiehed mill-artikoli li hija applikat.

ghadda hajja ferm refrattarja. Ghalhekk hawn ukoll din il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha ghalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti ghal dik li hi piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront ta' l-appellant John Polidano.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------